# Bewsa

Xħin fuqi tala' jiddi sħiħ il-qamar muċpari
fid-duħħan tar-riħ ħafif ferrieħi
u l-ilħna tat-tfal samrana dwew daħkana
jilagħbu bla ħtija fit-toroq kenrija sajfija
u għoxew il-għajnejn kaħħlana
bħal dwal gahwrija inenmnu fix-xefaq mudlam
misterjuż ...
u bla dija deher id-dawl bħaċ-ċpar tal-ħarifa
f'ħoġor it-twieqi miftuħa
bla nida ...
u nstama' t-tpespis tal-maħbubin medhija
fil-ġonna bi fwieħet il-ward mimlija
minflok il-għana saħħari
imgħaġġel ta' l-agħsafar
f'ilwien xemxija...
faqqgħet il-bewsa ta' tifkira
minn xufftejn oħt mistħija...
ta' xebba b'uliedha mifnija
imkeċċija minn darha
bħal tifla minsija minn niesha...

29 ta' Lulju, 1976

Mario F. Bezzina.